Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Segretarjat Ġenerali

**Brussell, 28 ta' Awwissu 2026**

**CM 3867/1/26**
**REV 1**

**INF**
**API**
**PROCED**

**KOMUNIKAZZJONI**

**PROĊEDURA BIL-MIKTUB**


| | |
|---|---|
| Kuntatt: | Mr Fernando Florindo |
| | council.transparency@consilium.europa.eu |
| Tel./Fax: | +32.2-281.6196 |


| | |
|---|---|
| Suġġett: | AĊĊESS PUBBLIKU GĦAD-DOKUMENTI<br>– Applikazzjonijiet konfermatorji Nru 40/c/01/26 u Nru 42/c/01/26<br>– Bidu tal-proċedura bil-miktub<br>**– Estensjoni tal-iskadenza sal-1 ta' Settembru 2026, NOFSINHAR (ħin ta' Brussell)** |

F'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 12 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill, jekk jogħġobkom indikaw jekk taqblux ma':

1. l-użu tal-proċedura bil-miktub biex jiġu approvati t-tweġibiet imsemmija hawn taħt, rigward l-applikazzjonijiet konfermatorji Nru 40/c/01/26 u Nru 42/c/01/26;

2. l-approvazzjoni mill-Kunsill tat-tweġibiet għall-applikazzjonijiet konfermatorji:
   (a) Nru 40/c/01/26, kif jinsab fid-dokument 12174/26;
   (b) Nru 42/c/01/26, kif jinsab fid-dokument 12208/26;

3. il-pubblikazzjoni tal-eżitu ta' din il-proċedura bil-miktub, inkluż l-ismijiet tal-Istati Membri li jivvutaw LE għat-tieni mistoqsija jew li jastjenu, kif ukoll tad-dikjarazzjonijiet unilaterali possibbli.

Tistgħu twieġbu IVA jew LE għal kull mistoqsija; tistgħu twieġbu wkoll ASTENSJONI għat-tieni u għat-tielet mistoqsija.

Għall-mistoqsija 2, tistgħu twieġbu IVA, LE jew ASTENSJONI għal kull applikazzjoni konfermatorja individwali jekk tixtiequ; inkella, kwalunkwe tweġiba IVA/LE/ASTENSJONI tinftiehem bħala valida għaż-żewġ applikazzjonijiet konfermatorji.

Kwalunkwe dikjarazzjoni unilaterali għandha ssir separatament.

**It-tweġibiet għandhom jintbagħtu lis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill bil-posta elettronika (council.transparency@consilium.europa.eu) sa mhux aktar tard minn NOFSINHAR tat-Tlieta 1 ta' Settembru 2026, għall-attenzjoni tas-Sur Fernando Florindo, COMM.2.C, Servizzi tal-Informazzjoni / Trasparenza.**